Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/49/KE, tad-29 ta' April 2004, fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE fuq l-għoti tal-liċenzji ta' l-impriżi tal-linji tal-ferrovija u d-Direttiva 2001/14/KE fuq l-allokazzjoni tal-kapaċità ta' l-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u l-intaxxar tal-piżijiet għall-użu ta' l-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà (Direttiva tas-Sigurtà tal-Linji tal-Ferrovija) (ĠU L 164, p. 44).

Dispożittiv

1) Billi ma adottax id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi kollha neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/49/KE, tad-29 ta' April 2004, fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE fuq l-għoti tal-liċenzi ta' l-impriżi tal-linji tal-ferrovija u d-Direttiva 2001/14/KE fuq l-allokazzjoni tal-kapaċità ta' l-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u l-intaxxar tal-piżijiet għall-użu ta' l-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà (Direttiva tas-Sigurtà Tal-Linji tal-Ferrovija), il-Gran Dukat tal-Lussemburgu naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skond din id-direttiva.

2) Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu huwa kkundannat għall-ispejjeż.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tad-9 ta' Novembru 2007 — Lavagnoli vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-74/07 P)

"Appell — Promozzjoni — Proċedura ta' promozzjoni 2003 — Annullament tal-lista ta' l-uffiċjali promossi — Assenjazzjoni tal-punti ta' promozzjoni"

Appell — Aggravji — Nuqqas ta' identifikazzjoni ta' l-iżball ta liġi invokat — Inammissibbiltà (Artikolu 225 KE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 58; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 112(1) (c)) (ara l-punti 20-29)

Suġġett

Appell ippreżentat mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tielet Awla) tat-23 ta' Novembru 2006, Lavagnoli vs Il-Kummissjoni (T-422/04), li biha l-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet ir-rikors tar-rikorrent għall-annullament, minn naħa, tal-lista ta' l-uffiċjali promossi skond il-proċedura ta' promozzjoni 2003, minħabba li din il-lista ma tinkludix ismu, kif ukoll ta' l-atti preparatorji ta' din id-deċiżjoni u, min-naħa l-oħra, sussidjarjament, tad-deċiżjoni dwar l-assenjazzjoni tal-punti ta' promozzjoni fl-okkażjoni ta' l-imsemmija proċedura, għal dak li jikkonċerna r-rikorrent.

Dispożittiv

1) L-appell huwa miċħud.

2) L. Lavagnoli huwa kkundannat għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-15 ta' Novembru 2007 — Il-Kummissjoni vs Ir-Renju ta' Spanja

(Kawża C-59/07)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2003/109/KE — Status ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst"

1. Atti ta' l-istituzzjonijiet — Direttivi — Eżekuzzjoni mill-Istati Membri (It-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 249, KE) (ara l-punt 19)